MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 456/2000/1

**Apollonia Carabott mart Joseph u l-istess Joseph Carabott, Eutemio Vella u martu Dorothy Vella, Noel Vella u martu Sylvana Vella, u Louise Vella armla ta' Joseph**

**vs**

**Fred Buongusto Company Limited u Alfred Falzon**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni ferjn l-atturi ppremettew :

Illi Joseph Vella, zewg l-attrici Louise Vella, llum mejjet, u missier l-atturi Apollonia Carabott, Eutemio Vella, u Noel

Vella, kien ceda l-avvjament kif ukoll id-dritt ta' lokazzjoni tal-hanut numru seba' u tletin (37) Paola Square, Paola bil-kundizzjonijiet li jirrizultaw skond l-iskrittura li kopja taghha qieghda tigi hawn esebita bhala Dokument A;

Illi l-avvjament u d-dritt ta' lokazzjoni ta' l-istess hanut kienu ghaddew f'idejn il-konvenut Alfred Falzon, u l-kera kien jinsab imhallas minnu sal-31 ta' Ottubru 1998 jif jidher skond il-kopja tar-ricevuta rilaxxjata hawn esebita bhala Dokument B;

Illi f'xi zmien matul l-1999 l-atturi saru jafu unikament b'inizjattiva taghhom li permezz ta' skrittura maghmula fit-23 ta' Ottubru 1997 (Dokument C), il-konvenut Alfred Falzon, ghan-nom tas-socjeta' Fred Buongusto Company Limited ceda a favur ta' Saviour Falzon il-hanut fuq imsemmi b'titolu ta' lokazzjoni, b'effett mill-1 ta' Novembru 1997;

Illi l-konvenut Alfred Falzon ghalkemm mitlub jersaq biex tigi regolata l-posizzjoni bejn il-partijiet kontendenti baqa' ma wiegeb xejn;

Illi l-atturi huma ntitolati a tenur ta' l-iskrittura maghmula fit-30 ta' Jannar 1983, (Dokument A) li jithallas l-awment ta' Lira Maltija (Lm1.00) kull jum ghall-perjodu bejn l-1 ta' Novmbru 1997 u l-31 ta' Ottubru 1998, oltre l-kera bir-rata ta' erba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm4.50) kull jum ghall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 1998 u t-30 ta' April 2000 ammontanti b'kollox ghas-somma ta' elfejn tmin mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (Lm2,822.00);

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara, okkorrendo, li l-atturi huma ntitolati li jithallsu minghand il-konvenuti jew min minnhom il-kera hawn fuq indikat fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (Lm2,822.00);

2. Tordna lill-konvenuti jew min minhom sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' Lm2,822.00 li huwa dovut in linea ta' kera kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 677/00, u bl-imghax skond li-ligi kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni u bir-riserva espressa ta' kull dritt iehor ta' azzjoni spettanti lill-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in–nota' ta'eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1 Preliminarjment illi l-eccipjent Alfred Falzon personalment mhux il-legittmu kontradittur u ghalhekk ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu respinti bl-ispejjez stante li s-socjeta' eccipjenti zammet ferm id-drittijiet taghha fuq il-fond de quo fil-konfront tas-sidien izda issullokat l-istess fond lil terzi u ghalhekk l-awment pretiz mhux dovut;

3 Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ghall-argument kellu jirrizulta li s-socjeta' eccipjenti cediet id-drittijiet taghha lil terzi allura ghandhom ikunu biss l-istess terzi li jirrispondu ghall-hlas ta' l-ammonti ppretizi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-uhud mill-atturi u lill-konvenut imsejjah mill-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2003;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li bi skrittura tat-30 ta’ Jannar 1983 (dokument A – fol.5), l-awtur tal-atturi kien ceda, lill-terzi, l-avvjament, kif ukoll id-dritt tal-inkwilinat, tal-hanut numru seba’ u tletin (37) Paola Square, Paola u dana bil-kera ta’ zewg liri (Lm2) kull jum u bil-pattijiet u bil-kundizzjonijiet l-ohra kollha kif kontenuti fl-istess skrittura. F’din l-iskrittura t-terzi nghataw id-dritt li jwellu l-hanut u ghar-rigward tal-ewwel twillija l-kera kellha tibqa kif miftiehem, pero’ ghar-rigward tat-tieni twillija u cessjoni tad-drittijiet il-kera kellha tizdied u ssir tlett liri (Lm3) kull jum u f’kull twillija successiva il-kera jibda jizdied b’lira kull jum bla hlas ta’ rigal;

Jirrizulta li, fiz-zmien, l-avvjament u d-dritt ta’ lokazzjoni ta’ l-imsemmi hanut  ghaddew ghand il-konvenut Alfred Falzon, li jidher li gie rikonoxxut mis-sidien. Jirrizulta ukoll li l-imsemmi konvenut hallas il-kera dovuta sal-31 ta’ Ottubru 1998 (Dokument B – fol.8);

Jirrizulta ukoll li bi skrittura tat-23 ta’ Ottubru 1997 (Dokument C – fol.9 u 10) il-konvenut Alfred Falzon ghan-nom tas-socjeta konvenuta Fred Buongusto Company Limited ceda u assenja a favur ta’ certu Saviour Falzon b’titolu ta’ lokazzjoni l-hanut in kwestjoni b’effett mill-1 ta’ Novembru 1997 u bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha kif kontenuti fl-istess skrittura;

Jirrizulta ghalhekk li wara li saret l-imsemmija skrittura originali, l-hanut twilla diversi drabi. Fil-kors ta’ dawn it-twillijiet il-hanut gie f’idejn il-konvenut Alfred Falzon. Sussegwentment jidher li l-hanut ghadda ghand is-socjeta konvenuta Fred Bongusto Company Limited. Wara permezz tal-imsemmija skrittura tat-23 ta’ Ottubru 1997 il-hanut inghata b’lokazzjoni lill-imsemmi Saviour Falzon. Kif gia gie rilevat skond l-imsemmija klawsoli tal-ftehim tat-30 ta’ Jannar 1983 dawn il-passaggi jintitolaw lis-sidien ghall-awment tal-kera kif stipluat fl-istess ftehim;

In vista tal-premess il-pretensjoni tal-atturi ghall-awmenti fil-kera huma gustifikati u ghalhekk hi ukoll gustifikata it-talba taghhom ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tmin mija u tnejn u ghoxrin liri maltin (Lm2822) ghal dawn l-awmenti li jwasslu sat-30 ta' April 2000;

L-eccezzjoni kollha tal-konvenut ma jirrizultawx sufficjentement pruvati u ghalhekk dawn ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tiddikjara li l-atturi huma ntitolati li jithallsu minghand il-konvenuti jew min minnhom awmenti tal-kera kif indikat fic-citazzjoni ammontanti komplessivament ghas-somma ta' elfejn, tmien mija u tnejn u ghoxrin liri maltin (Lm2,822.00) u tikkundanna l-konvenuti, jew minn minnhom, jhallsu lill-atturi l-imsemmi ammont ta' Lm2,822 li huwa dovut in linea ta' kera u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill- sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------